MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 136/2005

**A f'isimha proprju u bħala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri C**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-2 ta' Mejju 2005 li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet:

Illi l-attriċi u l-konvenut iżżewġu f'Malta fid-dsatax (19) ta' Awissu tas-sena elfejn (Dok A) u miż-żwieġ tagħhom kellhom tifel uniku C (Dok B);

U illi l-ħajja konjugali saret impossibli minħabba adulterju, sevizzi, minaċċi, moħqrija u nġurji gravi kommessi

kontriha mill-konvenut, u minħabba li tkissret irrevokabbilment;

U illi għal dawn ir-raġunijiet, l-attriċi talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni meħtieġa minn din l-Onorabbli Qorti biex tipproċedi f'dina l-istanza (Dok C);

U illi l-attriċi kienet talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni tas-safar sabiex il-minuri jiġi inibit milli jsiefer minn dawn il-Gżejjer (Dok D);

U wkoll li hemm raġunijiet suffiċjenti bil-Liġi sabiex jittieħdu provvedimenti fuq is-safar tal-minuri skond il-Liġi;

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi jgħid il-konvenut għaliex:

1. M'għandhiex tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi A u B minħabba adulterju, sevizzi, eċċessi, minaċċi, moħqrija u nġurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attriċi, jew minħabba li ż-żwieġ tkisser irrevokabbilment;

2. M'għandhiex l-attriċi tiġi fdata bil-kura u kustodja tal-minuri Csalv l-aċċess tal-konvenut b'dawk il-modalitajiet kollha li jidrulha xierqa;

3. Tordna li l-aċċess tal-konvenut għall-minuri għandu jsir f'Malta u li l-minuri ma jkunx jista' jinħareġ mill-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti salv b'dawk il-modalitajiet kollha xierqa fl-aħjar interess tal-minuri in segwitu għall-mandat ta' inibizzjoni fuq premessa;

4. M'għandux l-imsemmi konvenut jiġi kkundannat li jħallas lill-attriċi għaliha u għal binhom minuri dik ir-retta alimentarja dovuta skond il-Liġi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluż provvediment għaż-żieda skond l-għoli tal-ħajja, u tnaqqis mill-paga tal-konvenut, li għandhom jiġu ffissati minn din il-Qorti fl-aħjar interess tal-minuri;

5. M'għandhomx jiġu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta (1984 *ed.) in toto* jew *in parte*.

6. M'għandhiex din il-Qorti tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-beni in komuni bejniethom okkorrendo b'opera ta' perit nominand, u billi tiġi stabbilita data li minn dik id-data l-konvenut ma jitqiesx intitolat għall-akkwisti magħmulin bix-xogħol tal-attriċi, u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja fuq l-istess att.

7. M'għandhiex din il-Qorti tawtorizza lill-attriċi li tabita fid-dar matrimonjali ad esklużjoni tal-konvenut u tagħti kull provvediment xieraq u opportun għal dan l-iskop.

8. M'għandux il-konvenut jiġi kkundannat jikkonsenja lill-attriċi l-beni parafernali tagħha.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-proċeduri ta' medjazzjoni u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 272/05 kontra l-konvenut inġunt minn issa stess għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet, ippreżentata fit-2 ta' Novembru 2005 li permezz tagħha l-konvenut eċċepixxa bir-rispett illi:

1. Preliminarjament, l-attriċi m'ottjenietx l-awtorizzazzjoni meħtieġa minn din l-Onorabbli Qorti sabiex hija taġixxi bħala kuratrici *ad litem* tal-minuri C.

2. L-ewwel talba attriċi għandha tiġi akkolta u tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti pero' dan minħabba abbandun tad-dar matrimonjali u nġurji gravi kommessi mill-istess attriċi, u dan kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

3. Fir-rigward tat-tieni talba, u ċjoe’ t-talba biex l-attriċi tiġi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri C, din it-talba m’għandhiex tiġi akkolta *stante* illi l-attriċi hija persuna afflitta minn problemi mentali serji u tiġi regolarment rikoverata fl-Isptar Monte Carmeli u għalhekk mhix persuna *idonea* biex tiġi affidata bil-kura u kustodja tal-imsemmi minuri.

4. Fir-rigward tar-raba’ talba attriċi, f’każ illi tiġi akkolta t-tielet talba attriċi, allura l-eċċipjent għandu jkollu aċċess liberu u adegwat għal ibnu minuri u għandu jkollu wkoll id-dritt illi, taħt dawk l-ordnijiet u skond dawk il-modalitajiet li jiġu prefissi minn din l-Onorabbli Qorti, huwa jkun jista’ jsiefer bil-minuri anke sabiex dan ikun jista’ jżur lill-parenti u qraba tiegħu għall-esteru.

5. Fir-rigward tal-mandat ta’ inibizzjoni ___ / ___, jiġi rilevat illi l-eċċipjent qatt ma kelli l-ħsieb illi jaqbad u jsiefer bil-minuri u qatt ma ġie notifikat bir-rikors għall-ħruġ tal-mandat in kwistjoni qabel ma dan ġie degretat, u kwindi ċertament li m’għandux ibati l-ispejjeż tal-imsemmi mandat, kif rikjest mill-attriċi.

6. Fir-rigward tar-raba’ talba għall-ħlas tal-manteniment, fir-rigward tal-manteniment tal-minuri, l-eċċipjent jirrileva illi huwa ma jaħdimx iżda xorta waħda jrid illi jikkontribwixxi versu t-trobbija ta’ ibnu minuri, b’dan pero’ illi tali kontribuzzjoni finanzjarja għandha tmur direttament versu t-trobbija tal-istess minuri, xi ħaġa illi ma tistax tiġi garantita jekk il-manteniment għall-minuri jitħallas lill-attriċi, in vista wkoll tal-problemi illi bihom hija afflitta.

7. Fir-rigward tal-istess raba’ talba għall-ħlas tal-manteniment, fir-rigward tal-manteniment mitlub mill-attriċi nnifisha, jiġi eċċepit illi l-ebda manteniment m’hu dovut lill-attriċi għaliha nnifisha in vista tal-fatt illi l-eċċipjent m’huwiex f’pożizzjoni finanzjarja li jmantni lill-attriċi, u in vista tal-fatt illi l-attriċi għandha l-introjtu tagħha u kwindi ma teħtieġx tali manteniment rikjest.

8. Għar-raġunijiet imsemmija fit-tieni eċċezzjoni *supra*, il-ħames talba għandha tiġi respinta.

9. Fir-rigward tas-sitt u t-tmien talba, il-kontendenti diġa' qasmu l-ftit affarijiet illi kienu jappartjenu lil komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom u l-attriċi tinsab in pjen pussess ta' sehemha mill-istess komunjoni u tal-oġġetti parafernali tagħha.

10. Is-seba' talba għandha tigi respinta *stante* illi kienet l-attriċi stess illi abbandunat id-dar matrimonjali, kien l-eċċipjent illi bil-ħidma u l-industrija tiegħu rrenda l-post mikri illi kien jikkostitwixxi d-dar matrimonjali wieħed abitabbli, l-attriċi għandha akkomodazzjoni alternattiva u kienet parteċipi flimkien ma' familjari tagħha fi proċeduri ġudizzjarji (li ma rnexxewx) biex l-eċċipjent jiġi żgumbrat.

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi u semgħet anke lill-minuri *in camera*;

Rat l-atti proċesswali, inkluż l-affidavits, u kompriż ukoll ir-rapport tal-Avukat tat-tfal Dottor Stephanie Galea;

Semgħet il-provi;

Rat il-verbali tas-seduti illi saru quddiem il-perit legali u sussegwentement l-assistent ġudizzjarju;

Rat in-nota konġuntiva tal-partijiet fejn huma ftehmu fuq it-talbiet kollha *eccetto* l-aċċess tal-minuri;

Rat in-nota tal-Aġenzija Appoġġ;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' April 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-partijiet kellhom tifel, u ċjoe' l-minuri C illi twieled fis-16 ta' Marzu 2000. Filwaqt li m'hemmx kwistjoni li l-attriċi għandu jkollha l-kura u kustodja tiegħu, inqalgħu diversi problemi dwar l-aċċess tal-konvenut. Dan insista ħafna li kellu kull dritt għall-aċċess, u l-Qorti ordnat li dan isir taħt superviżjoni. Jidher ċar li l-minuri ma jixtieqx jitlaq ma' missieru, iżda dan mhux tant minħabba xi nċidenti li nqalgħu fil-passat (għalkemm kien hemm minn dawn ukoll) iżda għaliex prattikament ma jafux; infatti l-partijiet ilhom jgħixu separatament xi snin, u allura l-influwenza tal-attriċi fuq it-tifel hija ċara. Il-Qorti jidhrilha li ma tistax tipperdura s-sitwazzjoni fejn l-aċċess jibqa' jsir b'superviżjoni għal dejjem u għalhekk se tħalli s-sitwazzjoni kif inhi f'dan ir-rigward – anke jekk se żżid il-ħin li bħalissa hu biss ta' nofs siegħa – għal perjodu ta' sentejn, meta mbagħad l-aċċess għandu jibda jsir b'mod normali. Il-konvenut huwa nsistenti ħafna li jkollu l-aċċess u dan ifisser li huwa għandu nteress fil-futur ta' ibnu – dan għalkemm għal ċertu żmien ma tantx huwa daqshekk lest li jħallas il-manteniment.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tipprovdi dwar it-talbiet attriċi billi:**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minħabba li ż-żwieġ tfarrak irrimedjabbilment;**

**2. Taffida l-kura u kustodja tal-minuri C f'idejn l-attriċi;**

**3. Tordna li l-konvenut missier il-minuri jkollu aċċess għall-istess minuri ta' sagħtejn fil-ġimgħa taħt superviżjoni fil-bini tal-Aġenzija Appoġġ, u dawn il-ħinijiet jiġu ffissati mill-istess aġenzija illi għandha tavża bihom lill-partijiet minn qabel; dan l-arranġament jibqa' għall-perjodu ta' sentejn mid-data ta' din is-sentenza; wara liema perjodu mbagħad il-konvenut jibda jkollu aċċess mingħajr superviżjoni nhar ta' Sibt bejn il-10:00 a.m. u s-2:00 p.m.;**

**4. Tordna lill-konvenut iħallas manteniment ta' mitt Ewro (€100) fix-xahar għall-minuri; tiċħad it-talba tal-attriċi għall-manteniment tagħha peress li hija mpjegata, *rebus sic standibus*;**

**5. Tiddikjara li l-konvenut iddekada *ai termini* tal-artikoli 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili;**

**6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti billi ma hemm ebda proprjeta' x'tinqasam;**

**7. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' talba billi l-partijiet m'għadhomx jabitaw fid-dar matrimonjali u qed jirrisjedu band' oħra;**

**8. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tmien talba peress li ma jirriżultawx proprjetajiet parafernali;**

**L-ispejjeż tal-kawża ikunu bla taxxa;**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------